**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ĦMISTAX**

**9 ta' LULJU, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-17:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**
Il-Kunsillier is-Sur Jeremy Coleiro

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| **15.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
|---|---|---|
| | | |
| 15.1.1 | | Is-Sur Jeremy Coleiro informa lill-Kunsill li ma setgħax jattendi minħabba li jinsab marid. L-ittra ta' appoloġija tinsab mehmuża. **Dok1.** |
| | | |
| 15.1.2 | | Fuq qbil unanimu mill-Kunsill, din is-seduta bdiet billi laqgħet residenti minn Misraħ il-Karmelitani u l-Periti ta' IM, biex jiġi diskuss il-porġett ta' Project Green, li l-Kunsill kien applika u qabel fuqu fi Frar tas-sena 2023.<br>Il-Periti ta' Project Green kienu preżenti għal-laqgħa u ġew ukoll żewġ residenti mill-akwata ta' Misraħ il-Karmelitani.<br>Il-Perit qal li dan il-proġett hu maħsub li jibda fi ftit ġimgħat oħra u li ser isir biex isebbaħ l-akwata, bi spazju pedonali u siġar. Din kienet waħda mis-siti magħżula mill-Kunsill Lokali u li Project Green għażlet, biex taħdem fuqha, bil-fondi tagħha. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Dan il-proġett ser tkun mantnut mill-kuntrattur li ħa t-tender għall-ewwel ħames snin u wara l-ewwel ħames snin, ser ikun mantnut minn Project Green.<br><br>Fil-Misraħ bħalissa hemm nuqqas ta' ħdura, l-ilma tax-xita m'hemmx fejn imur u għalhekk għamlu proposta għal spazzju pedonali u limitazzjoni għall-aċċess ta' vetturi. Dan biex itejjeb il-ħajja tal-komunita, bil-klima tal-pjanti u siġar u dell u nuqqas ta' arja ħażina mil-pollution.<br>Ser jiżdiedu 23 siġra, aktar minn elf arbuxella u speċi indiġini. Ser ikun hemm 6 mitt kwadru area ta' ħdura.<br>Ser tingħalaq l-akwata biex ikunu jistgħu jibdew jaħdmu, ser isir tħaffir għal bjar u wara jibda x-xogħol ta' fuq, pjanti u mgħodijiet, struttura ġdida ta' xelter u jingħaddu xi servizzi u irrigazzjoni tal-pjanti. L-aċċess ta' quddiem ir-residenti ser jitħalla liberu.<br><br>Resident preżenti qal li b'dan il-proġett ser jitnaqqsu 15 – il parkeġġ. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li mhux sew li jitneħħew 15 -il parkeġġ, kif ser jiġri f'dan il-każ.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici għamel awtokritika li l-kunsill imissu tkellem qabel mal-pubbliku, u qabel ma applika ma' Project green.<br><br>Tqajjem l-argument fuq il-parkeġġ li ser jonqos. Kien hemm qbil li l-vetturi jistgħu jipparkjaw man-naħa tal-proġett u t-triq ta' ġewwa ssir one way.<br>Ġie innutat kemm minn resident ieħor li kien preżenti u kemm minn dawk li jiffrekwentaw aktar il-post li mhux veru hemm 15 -il parkeġġ preżenti imma ħafna inqas u tali parkeġġi li qed jissemmew m'humix uffiċċjali.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici, qal li ma jistax ikun kontra l-progress, pero bħal ma ġara f'sitiwazzjonijiet oħrajn, l-aħjar li jinstab bilanċ għalix il-parkeġġ dejjem iħalli ċertu weġgħat. Bħala Kunsill ma insistix biex il-perit jagħmel l-istess preżentazzjoni li saret illum. Għalhekk ma jkunx jista jagħmel evalwazzjoni kif suppost u l-konsultazzjoni man nies ma ssirx wara li jkun iffinalizzat il-progett, imma qabel.<br><br>Kien hemm qbil li tali proġett isir. Jekk il-Kunsill jidhirlu li jrid ibiddel id-direzzjoni tat-traffiku, jista jagħmel dan wara li jsir il-proġett u jkun hemm l-approvazzjoni minn TM.<br><br>Fir-rigward tal-istatwa li hemm spazju li tiġi fil-proġett, il-Kunsill ser ikun qed jipproponi x'tip ta' statwa/figura jrid u dan għandu jiġi komunikat ma' Project Green biex jipprepara għall-bażi tagħha. |
| | | |
| | | |
| **15.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 15.2.<br>1 | | Il-minuti numru 14 ġew approvati.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud talab għal-laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici u is-Segretarju Eżekuttiv, infurmat li l-Kunsill ingħata appuntament għat-22 ta' Lulju, fl-uffiċċju tal-parlament u li dan diġà ġie ikkomunikat mal-kunsilliera. Hu staqsa |

| | | |
|---|---|---|
| | | jekk il-Kunsill hux ser jgħid lill-bdiewa biex ikunu preżenti ukoll għal din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma lill-Ministru u jekk jaċċetta, dawn jiġu mistiedna. |
| | | |
| 15.2.2 | | Kien hemm qbil li issa l-Kunsill jiddiskuti punt 15.6 tal-aġenda. |
| | | |
| ***15.6*** | | ***Proġett – Misraħ Santa Marija f'Bubaqra (kienu preżenti rappreżentanti tar-residenti ta' Misraħ Santa Marija)*** |
| | | |
| 15.6.1 | | F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-aħħar pjanti li rċieva l-Kunsill, intbagħtu lill-Kunsilliera kollha u lir-rappreżentanti tar-residenti u l-istabbilimenti fil-Misraħ. Hi qrat parti minn email li rċeviet mir-rappreżentanti tar-residenti tal-Misraħ u t-tweġieba għal din l-email mingħand il-periti ta' IM.<br><br>Pjanti **Dok 2 mehmuża.** |
| | | |
| 15.6.2 | | Residenti preżenti qajmu dawn punti:<br>• Li t-triq ta' bejn il-garaxxijiet u l-istatwa tiġi bit-tarmak, biex huma ma joqgħodux iduru dawra twila biex jerġgħu lura lejn ir-residenza tagħhom. Għax bil-mod li qedgħa indikata fil-pjanta, ir-residenti qed jiġu sfurzati li jgħaddu minn toroq idjaq minn dawk li qed jgħaddu minnhom bħalissa.<br>• Iridu li din it-triq tkun bit-tarmak anke minħabba l-istorbju li joħolqu waqt li jgħaddu minn hemm.<br>• Iridu *noise assessment report* tal-misraħ.<br>• Ir-residenti m'humiex interessati li tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku fil-misraħ.<br>• Ser tidjieq il-bankina quddiem ċertu residenta.<br>• Mit-triq indikata li ġejja bit-tarmak – direzzjoni lejn iċ-ċimiterju hi dejqa wisq biex jgħaddu vetturi kbar fiż-żewġ direzzjonijiet u ser joħolqu konġezzjoni.<br>• Jekk ir-residenti tal-akwata ma jriduħx li jsir dan il-proġett, dan ma għandux isir.<br><br>Fl-email tal-perit ta' IM kien hemm li:<br>• Fil-pjanti ġew akkomodati s-suġġerimenti kollha tar-residenti u li m'hemmx raġuni valida li l-proġett ma jsirx, għaliex il-problema tar-residenti kienet l-aċċess għall-garaxxijiet tagħhom u dan ġie mgħoti.<br>• Fir-rigward tan-*noise pollution*, il-perit stiednet lir-residenti jaraw il-pjazza ta' Ħad-Dingli li saret bl-istess materjal li ser issir dik ta' Bubaqra.<br>• Issa hi d-deċiżjoni tal-Kunsill iridx ikompli bil-proġett jew le.<br><br>Ġie innotat li :<br>• Triq San Iljun hi idjaq mit-triq li hemm proponuta fil-pjanta u bħalissa minn Triq San Iljun, jgħaddu l-istess vetturi kbar li qed jissemmew, f'żewġ direzzjonijiet. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Jekk issir it-triq bit-tarmak biex il-vetturi jibqgħu jgħaddu minn wara l-istatwa, jonqsu żewġ parkeġġi milli hemm immarkati fil-pjanta u l-proġett ma jibqax sostenibbli għal Vjal il-Kulħadd għax ma jibqax pedonali.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li dan il-proġett irid isir, għaliex in-nies ivvutaw għalih permess tal-programm elettorali.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fis-19:15 u qabel ma ħareġ għadda kumment li ġaladarba r-residenti ma jridux il-proġett, m'għandu jsir xejn. F'dan il-punt il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li anke membru tal-Kunsill min-naħa tal-PL ma jridx li dan il-proġett isir.<br><br>F'dan il-punt is-Sindku qalet li dan il-proġett jeħtieġ li jsir biex isebbaħ lill-Bubaqra, għaliex meta fi żminjiet ma sar xejn f'Bubaqra, l-Kunsill kien ikkritikat. Hi qalet li mill-ewwel pjanta li saret, inbidlu ħafna affarijiet biex jiġu eġavolati r-residenti, imma r-residenti ta' kull darba qed jitolbu xi ħaġa ġdida.<br><br>Kien hemm qbil b' 4 voti kontra 3, li dan il-proġett isir.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li qatt ma jaf li l-Kunsill kellu daqsekk konsultazzjoni fuq proġett u xorta waħda l-kunsill ma qabilx ma dak li jridu r-residenti.<br>La darba hemm daqsekk oppożizzjoni fuq dan il-proġett il-kunsill kellu ma jaqbilx. |
| | | |
| ***15.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 15.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• kellha laqgħa mas-Sur Mark Cutajar minn Sports Malta, fejn infurmatu fuq il-pjanti li ħejja l-Perit Bezzina għas-sit ta' Triq Gervase Matthew. Is-Sur Cutajar qal li Sports Malta ma tistax tgħin finanzjarjament, fil-pixxina li hemm ħsieb li issir, imma kien lest li jipprovdi ħaddiema għall-manutenzjoni tagħha. Fil-jiem li ġejjin(17 ta' Lulju) ser issir laqgħa bejn Sports Malta u l-Perit tal-proġett – il-Perit Bezzina. F'dan il-punt il-Kunsillier Marisa D'Amato, qalet li prinċiparjament il-Kunsill irid jara l-ispiża li hemm biex tmantni pixxina, qabel ma' jipproċedi bil-pjanti tal-proġett.<br>• F'Ħal Millieri persuni neħħew illegalment ħamrija minn għelieqi, ħamġu l-passaġġi ta' Ħal Millieri u l-ERA u PA ħadu azzjoni. |
| | | |
| ***15.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 15.4.1 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat ġibed l-attenzjoni li:<br>• hemm dawl maqtugħ fi Ġnien il-Ġibjun u Triq il-Parit. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 15.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li:<br>• Fil-ġonna ta' Wesgħa Frangisk Bugeja u ta' Triq Fra Gammarie Zammit hemm tabelli biex ma jiddaħlux klieb u fl-istess ħin, hemm reċipjenti tal-ħmieġ tal-klieb. Kien hemm qbil li dawn jitneħħew u jiġu fuq barra.<br>• Ser tagħmel laqgħa mal-feeders tal-qtates, fil-jiem li ġejjien, biex tispjega kif qed jitħaddem il-cat cafe.<br>• Bħalissa għaddejja ħafna moħqrija fuq l-annimali u għalhekk talbet biex kulħadd iżomm għajnejh miftuħa fuq dan.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Daniel Muscat ħareġ mis-seduta (19:30) |
| | | |
| 15.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li :<br>• Fi Triq il-Ħaddiema u fi Triq Vincenzo Caruana hemm residenti li qed joħorġu l-iskart wara bieb ħaddieħor. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' twissija mill-Kunsill, fit-toroq imsemmija.<br>• Fi Triq Bronja faċċata ta' binja ġdida titwaħħal mera biex dawk li joħorġu mir-rampa tal-garaxx jkunu jistgħu jaraw it-traffikku.<br>• Pulizija qed iwaħħlu stickers mal-arbli tad-dawl fi Triq P P Saydon u l-kollha tal-istickers qed tagħmel ħsara lill-arbli. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni.<br>• Biex il-Kunsill jitkellem mal-LESA u TM sabiex jaċċettaw, li tabelli tan-No Parking fuq permessi, jitwaħħlu ma' poles u mhux ma' faċċati ta' residenti. Dan qed isir mill-pulizija billi huma qed iwaħħlu tabelli tan-no parking fuq pole imdaħħal ġo landa tal-konkos u tali tabelli qed ikunu obduti.<br>• Talab biex lill-ex Kunsillier Joseph D'Amato tingħatalu t-tifkira li ma ħax għaliex ma attendiex fl-okkażjoni ta' Ġieh Iż-Żurrieq. Is-Sindku qalet li f'leġiżlazzjonijiet preċedenti, min ma kienx ikun preżenti għall-attivita, ma kienx jieħu tali tifkira, bħal ma ġara lill-ex Sindku Silvio Izzi Savona. Hi żieded tgħid li ħassietha urtata u ddispjaċuta li Joe D'Amato ma attenda għall-ebda funzjoni ta' Jum Iż-Żurrieq. Ħasset li dan kien ta' disprezz lejha. Is-Sindku qalet li għandha taħsibha x'ser tagħmel. |
| | | |
| 15.4.4 | | Il-Kunsillier Marilyn Sammut qalet:<br>• Il-ġbir tal-l-iskart minn Sqaq Ballott mhux jinġabar. Ġiet infurmata biex ir-rapport isir dak inhar stess li ma tkunx saret il-ġabra. Dan sabiex ikun ikkomunikat mill-ewwel lill-kuntrattur.<br>• L-ewwel parkeġġ għall-persuni b'diżabilita f'Misraħ Mattia Preti mhux komdu biex jintuża. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jkellem lill-kuntrattur tal-bankini biex isir xi ħaġa. |
| | | |
| 15.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li:<br>• Hemm bżonn li minħabba li bħalissa hemm xogħol wieqaf fi Vjal il-Blue Grotto, jeħtieġ biex tal-inqas jitneħħa l-makkinarju u tixxarrab it-triq, biex jonqos l-inkonvenjent lejn ir-residenti. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Hemm kurduna imkissra fi Triq il-Kbira.<br>• Saret talba biex isir *street football* fiz-Zurrieq. Din it-talba qed issir minn aġenzija li taħdem mat-tfal tal-futbol u tixtieq li jsiru żewġ sezzjonijiet ta' 3 siegħat -il waħda. Kien hemm qbil li jinsab post addattata għal-logħob tal-ballun, u fil-prinċipju l-Kunsill jaqbel. |
| | | |
| 15.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li:<br>• Fiż-Żurrieq hawn problema ta' ġbir tal-iskart li qed jinġabar tard jew saħansitra ma jinġabar xejn. Hu talab laqgħa mal-kuntrattur u mar-reġjun. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hu kuljum jitkellem mal-kuntrattur dirett.<br>• Fi Ġnien il-Ġibjun għola l-madum tal-passaġġi bl-għeruq tas-siġar u jinsab perikoluż.<br>• Jeħtieġ li l-parking *sensors* ta' Triq P P Saydon ikunu aktar viżibbli biex ma jitfixklux nies magħhom.<br>• Jinqata l-ħaxix selvaġġ minn Triq il-Qortin. |
| | | |
| ***15.5*** | | ***KLZ67/01/2025 – Tender for the Services of an electrician*** |
| | | |
| 15.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-offerenti li applikaw għat-tender imsemmija:<br>• Coreworks Ltd – 20E -is siegħa<br>• Ian Portelli - 24.70E - is siegħa<br>• Industrial Services – 28E -is siegħa<br><br>Kien hemm qbil li l-aġġudikaturi jkunu l-Kunsilliera Kyle Mifsud, Daniel Mifsud u s-Sur Falzon. F'seduta oħra jiġi apporvat dak li jkun aġġudikat.<br>**Dok 3 mehmuż**. |
| | | |
| | | |
| ***15.7*** | | ***Rapport finanzjarju ta' kull kwart – It-tieni kwart 2025*** |
| | | |
| 15.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena, maħdum mill-accountant tal-Kunsill Lokali. Dan ġie approvat biex jintbagħat.<br>**Dok 4 mehmuż.**<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill irid dejjem jara li ma jkunx hemm żbilanċ finanzjarju negattiv f'kull sena. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill għandu fondi imfaddla u mhux jaħdem b'deficit. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***15.8*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***15.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 15.9.<br>1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Residenta li toqgħod fi Triq San Bartilmew trid li jitneħħa parkeġġ ta' vettura minn quddiem ir-residenza tagħha, minħabba li l-bankina dejqa u ma tkunx tista iddaħħal xirja fid-dar tagħha. Ma kienx hemm qbil għax jonqos parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tipprova tmur mal-kuntrattur tara x'jista jsir, forsi jista jitneħħa parkeġġ ta' mutur u jitressqu l-parkeġġi l-oħra.<br>• Biex issir *reserved parking* temporanja mill-Kunsill quddiem 8 Triq San David – skont ir-resident dan hu każ ġenwien. Kien hemm qbil li ġaladarba hu każ ġenwien dan għandu jsir.<br>• Biex fi Triq il-Wied viċin il-belle veder isiru Traffic lights u poles f'nofs it-triq biex ma jkunux jistgħu jaqsmu fuq il-lane 'l oħra. Ma kienx hemm qbil.<br>• Inġibet stima ta' fanali dekorattivi għal Triq Dun Ġużepp Żammit biex jinbidlu dawk li hemm preżentement. L-istima mingħand il-kuntrattur li għandu t-tender mal-Kunsill hi ta' 10,300E -il wieħed. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ser iġib stima mingħand ħaddied li jkun jista jbiddel biss il-bażi tal-arbli ornamentali.<br>• Ir-Reġjun Punent staqsa jekk il-Kunsill jixtieqx li l-iskart jibda jinġabar fil-ħinijiet ta' filgħaxija. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera jimlew il-kwestjonarju li intbagħtilhom.<br>• Talba mill-uffiċċu tal-ismijiet tat-toroq, biex jingħata isem għal triq li tinsab bejn Triq il-Mitħna u Triq il-Barrieri. Il-Kunsillier Marisa D'Amato xtaqet li tissemma għar-rota li tintuża fil-Mitħna. Il Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li tissemma għal Dun Raymond, imma s-Segretarju Eżekuttiv, infurmat li l-Kunsill għandu ittra uffiċċjali mill-Kumitat Ismijiet tat-toroq, biex ma jibqgħux jissemmew toroq għall-personaġġi.<br>• Resident fi Triq Sant Andrija, jrid li jsiru *double yellow lines* faċċata tal-garaxx tiegħu. Ma kienx hemm qbil għax jonqos il-parkeġġ.<br>• bidwi li għandu l-għelieqi f'Tal-Bebbux, talab biex jerġa jiltaqgħa mal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li ngħidu lill-Ministru biex jiġi waqt il-laqgħa li l-Kunsill għandu mal-Ministru kkonċernat. |
| | | |
| 15.9.<br>2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li l-Kunsill irċieva mingħand il-konsulent għall-applikazzjonijiet tal-PA, fuq PA/04262/25. Din tikkonċerna sit li bħalissa jinsab f'ODZ fi trejqa bejn Triq Wied Babu u Triq il-Wied. L-applikazjoni hi biex isiru alterazzjonijet, sabiex is-sit ikun tajjeb għall-abitazzjoni.<br><br>Kien hemm qbil mal-Perit biex imexxi bl-oġġezzjoni. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***14.10*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 14.10 .1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 48. |
| | | |
| ***14.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 14.11 .1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €113,310.17<br><br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Marisa D'Amato u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***14.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 14.12 .1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:40. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 20 ta' Awwissu, 2025, fis-6:00 filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' Awwissu, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**